# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 519/97

Eugenio Delceppo

vs

Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

Illum 10 ta' Lulju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa qed iressaq il-kaz tieghu kontra l-intimat, quddiem dana t-Tribunal minhabba ingustizzja gravi li huwa bata, bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, minhabba l-agir illegali u diskriminazzjoni, anki politika, tal-intimat.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif ser jinghad:-

Illi huwa kien ingagga fil-Forzi Armati ta' Malta fit-2 ta' Mejju 1989, bhala suldat u jgib in-numru 85740. Id-denominazzjoni tieghu kienet ta' 'gunner'. Kemm ilu fis-servizz huwa dejjem kien ta' kondotta ezemplari, mexa bl-akbar responsabbilta’ f' xoghlu, tant li dejjem kien rakkomandat mis-superjuri tieghu, u qatt ma kellu rapporti minnhom dwar xi nuqqasijiet.

Illi huwa dejjem stinka u hadem biex itejjeb il-kwalifiki tieghu. Tant hu hekk li llum huwa ghandu kwalifikazzjonijiet mal-Armata bhala: CE III Education, CE II Map Reading: CE I Maltese: B III Clerk: OP Course u Cadre Course.

Illi huwa dam jistenna sal-1 ta' Marzu 1996 sabiex ha l-ewwel promozzjoni tieghu minn kemm ilu ngaggat mal-Armata. Dak inhar minn 'Gunner' sar 'Lance Bombardier'.

Illi l-ilment tieghu jirrigwarda l-perjodu meta fl-1992 kien hemm vakanzi fl-Armata ghal 'Lance Bombardiers'. F'din l-okkazjoni gew mahtura diversi persuni ghal grad ta' 'Lance Bombardier'.  Fost dawna kien hemm zewg persuni li r-rikorrent issottometta qabzuh fil-promozzjoni.  Dana peress li dawna, 85798 gunner Bugeja, u 85810 gunner Micallef, minkejja li kienu inferjuri ghar-rikorrent, fis-seniority u fil-kwalifiki edukattivi necessarji ghall-grad li fih kienu gew promossi, gew maghzula qablu u minfloku.

Illi dina d-diskriminazzjoni u ingustizzja kontra r-rikorrent tfisser li huwa tilef erba' snin ta' esperjenzi u tahrig, fi grad superjuri, li llum kien jpoggih f'pozizzjoni li jikkwalifika ghall-hatra ta'

Bombardier. Dana barra telf ta' grad, jfisser telf finanzjarju lir-rikorrent, li f'dawn l-erba' snin jammonta ghal somma sostanzjali.

Illi kien f'din is-sena u cioe' fl-1992, wara din id-diskriminazzjoni politika, li huwa flimkien ma 'staff surgent', tlett bombardiera u zewg 'Lance Bombardiers" gie mibghut mis-'Second Regiment' f'Hal Safi, fl-airport il-gdid, li jaqa' taht il-First Regiment. Kien meta huwa kien qed jaqdi dmiru f'dan ir-regiment li huwa ha l-hatra ta' Lance Bombardier, dana gara ghaliex f'din l-okkazjoni l-ghazla saret skond ir-regolamenti li japplikaw, bil-punti ta' kull min seta' jinhatar, skond il-kondotta fl-armata u skond il-kwalifici. F'din l-okkazzjoni gew segwiti r-regolamenti tal-1970 tal-Ligi tal-Forzi Armati ta' Malta. (Dok A).

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji li jisma’ u dwar dan l-ilment, skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, jiddeciedi: 1. billi dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimat li jirrendi lir-rikorrent dik is-seniority u/jew promozzjoni li huwa tilef; u/jew 2. billi jigi ordnat li jinghata kumpens xieraq mill-intimati jew min minnhom, ta’ mhux aktar minn hamest elef liri maltin.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:-

Illi fil-kaz tal-promozzjonijiet li nghataw fl-1992, jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iz-zmien u, stante l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-avviz legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessa, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-promozzjonijiet tal-1992 ghall-grad ta' Lance Bumbardier u specjalment riferibbli ghall-fatt li r-rikorrent kien inqabez minn zewg persuni li kellhom seniority anqas minnu u dan b' riferenza specjali ghall-Gunners Bugeja u Micallef. Fil-fatt ir-rikorrent sostna li mhux biss kellhom seniority anqas minnu izda anke kwalifiki edukattivi necessarji ghall-grad u xorta wahda gew promossi minnfloku.

Fl-affidavit tieghu r-rikorrent semma li hu qatt ma qala' charge jew ikkommetta xi offiza jew kien suggett ghal passi dixxiplinarji anzi kien dejjem imfahhar mill-ufficjali superjuri tieghu. Semma li dawk li qabzuh fil-promozzjoni fi Frar 1992 ma kienux ghaddew mill-ezami tat-Third Class Education u xorta wahda nghataw promozzjoni ghalkemm kienu juniors tieghu.

Xehed Staff Sargeant Mariante Abela li semma li jaf lir-rikorrent u li dan dejjem hadem b' mod efficjenti u li dejjem kien jafdah.

Xehed Staff Sargeant Mark Schembri li semma li jaf lir-rikorrent peress illi qabel kienu t-tnejn stazzjonati Hal-Safi. Semma li meta hu kien ikun bil-leave ir-rikorrent kien jiehu hsieb imexxi hu. Semma li r-rikorrent kien anke ttiehed jahdem fl-ufficcju u dan minhabba li l-ahjar nies jittiehdu jahdmu fl-ufficcju.

Xehed il-Kurunell Raymond Cutajar li llum irtirat li semma li fl-Armata kien hemm Delceppo iehor. Semma li ftit qabel il-

promozzjonijiet tal-1992 huwa kien baghat ghall-Maggur Magrin illum mejjet u kien staqsieh lil min kienu jistghu jikklassifikaw u jhallu barra u dan Magrin kien qallu Delceppo. Semma li hu kien minghalih li dan Delceppo kien dan il-persuna l-ohra li fil-fehema tieghu ma kienx jiswa sold u mhux ir-rikorrent ghax ir-rikrorent Delceppo anqas biss kien jaf li jezisti, u infatti kien nizzel lil Delceppo fil-lista no minhabba l-fatt li kien bl-impressjoni li qieghed jirreferixxi ghall-iehor.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri li semma li ma jistax jitkellem dwar il-kaz partikolari izda dwar procedura generali. Semma li mir-records kien jezisti Martin Delceppo li kien dahal fis-servizz fi Frar tal-1987 u kien jahdem fit-tieni regiment fl-1992. Giet esebita l-iskeda tal-promozzjonijiet li saru b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 fit-Tieni Regiment li minnha jirrizulta li r-rikorrent Eugenio Delceppo ma hax il-promozzjoni allavolja huwa kellu Education Grade 3 u Clerk B3 u gie maqbuz minn tnejn minn nies u cioe` minn Gunner Bugeja u Gunner Micallef li ma kellhomx education ghax din kienet nil.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi meta wiehed ihares lejn l-iskeda li tinsab a fol 59 tal-process jirrizulta li f' dik l-okkazjoni kienu saru tlettax-il persuna li minnhom disgha bhala education kellhom nil waqt li erbgha kellhom Class 3 Education. Irrizulta li r-rikorrent kellu Class 3 Education u xorta wahda ma sarx. Bhala trades ir-rikorrent kien bhal haddiehor u certament mhux inferjuri tant li kien hemm min mhux biss kellu nil fl-education izda anke kellu nil fit-trades u

specifikament Gunner Joseph Freeney. Issa t-Tribunal dejjem hass li s-seniority hija element importanti ferm. Infatti fil-kawza ta' Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

L-intimat ma ta ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent kellu jinqabez. La nghataw ragunijiet negattivi fil-konfront tieghu u anqas inghataw ragunijiet tant pozittivi fil-konfronti ta' Bugeja u Micallef li kienu juniors tieghu. Illi probabbilment dan l-izball sar minhabba t-tahwida tal-kunjom Delceppo kif semma fix-xhieda tieghu l-Kurunell Cutajar.

Illi ghalhekk isib li fil-konfront tar-rikorrent saret ingustizzja meta hu ma hax il-promozzjoni fl-1992 mir-rank ta' Gunner ghar-rank ta' Lance Bombardier u ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat

jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-kariga ta' Lance Bombardier b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 u jitpogga fil-lista tas-seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.